31994R2883

29.11.1994 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 304/18

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2883/94
tat-28 ta' Novembru 1994
li jistabbixxi bilanċ imbassar għall-provvista lill-Gżejjer Kanari ta' prodotti agrikoli koperti minn miżuri speċifiċi li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 2, 3, 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 Ġunju 1992 li jikkonċerna miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Kanari [1], fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/94 [2], u partikolarment l-Artikoli 2, 3 (4), 4 (4), u 5 (2) tiegħu,

Billi l-miżuri, introdotti bir-Regolament (KEE) Nru 1601/92, intiż sabiex jikkumpensa fir-rigward tal-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli, is-sitwazzjoni ġeografika tal-Gżejjer Kanari, jikkonsistu f'eżenzjoni minn dazji fuq l-importazzjoni (dazji doganali u taxxi agrikoli), u l-għoti ta' l-għajnuna sabiex tħeġġeġ il-kunsinna ta' prodotti agrikoli mill-Komunità; billi l-arranġamenti jinkludu wkoll għajnuna għall-provvista ta' annimali ta' razza pura għat-tgħammir sabiex jiġi żviluppat il-potenzjal għall-produzzjoni tal-Gżejjer;

Billi skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92 dawn l-arranġamenti jinkludu ħtiġiet għall-konsum uman dirett, u għall-ipproċessar u l-ippakkjar fil-Gżejjer ta' prodotti elenkati fl-Anness għall-imsemmi Regolament; billi l-assessjar ta' dawn il-ħtiġiet isir kull sena fil-kuntest ta' bilanċ imbassar ta' provvista li jista' jiġi rivedut matul is-sena fid-dawl ta' żviluppi fil-ħtiġiet tal-Gżejjer; billi l-assesjar tal-ħtiġiet tal-industriji tal-ipproċessar u l-ippakkjar, fir-rigward ta' prodotti intiżi għas-suq lokali jew tradizzjonalment mibgħuta lill-bqija tal-Komunità, jistgħu jirriżultaw fl-istabbeliment ta' bilanċ imbassar ta' provvista separata;

Billi fl-interess ta' kjarezza u trasparenza, kif ukoll tal-istandardizzar tal-metodu ta' l-assesjar, il-bilanċ imbassar tal-provvista għall-prodotti agrikoli koperti bis-setturi differenti tas-suq għandhom jiġu nklużi f'dokument wieħed; barra minn hekk wara li kkunsidrat il-ħtiġiet speċifiċi tal-industriji tal-ipproċessar u tal-ippakkjar, bilanċ tal-provvista separat għal dak l-użu għandu jkun stabbilit meta jkun meħtieġ;

Billi, sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tal-bilanċ tal-provvista, ċerti marġini ta' flessibilità fl-allokazzjoni tal-kwantitajiet iffissati fil-bilanċ tal-provvista għandhom ikunu permissibbli, bejn ċerti intestaturi, u bejn il-parti fissa għall-konsum dirett, u dik għall-ipproċessar jew l-ippakkjar;

Billi sakemm joħroġ ir-riżultat ta' l-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti tal-provvista speċifika għall-Gżejjer Kanari, il-bilanċi mbassra ta' provvista f'diversi okkażjonijiet mill-1 Lulju 1994 ġew stabbiliti għal perjodi limitati fil-każ tal-biċċa l-kbira tal-prodotti;

Billi fl-interess taċ-ċarezza, fl-istess ħin tad-dħul fis-seħħ mill-1 Diċembru 1994 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/94 tas-16 Novembru 1994, li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli lill-Gżejjer Kanari [3], li jikkostitwixxi reviżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1695/92 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2596/93 [5], bilanċ imbassar ta' provvista għall-prodotti nvoluti għandu jiġi stabbilit biex ikopri l-perjodu sħiħ ta' 12 il-xahar mill-1 ta' Lulju 1994 sat-30 ta' Ġunju 1995, u jinkorpora meta jkun meħtieġ il-bilanċi mbassra ta' provvista parzjali adottati s'issa; billi għandu jiġi mfakkar li mill-1 ta' Diċembru 1994 il-benefiċċji tal-miżuri, sew jekk permezz ta' l-eżenzjoni minn ħlasijiet fuq l-importazzjoni jew l-għoti ta' għajnuniet, iseħħu skond ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 1695/92;

Billi għandu jiġi mfakkar ukoll li fis-setturi taz-zokkor, l-inbid u l-ħops, il-bilanċi kurrenti ta' provvista mbassra ġew stabbiliti għall-perjodu sħiħ ta' 12 il-xahar mir-Regolamenti (KE) Nru 1443/94 [6], (KE) Nru 1742/94 [7] u (KE) Nru 1818/94 [8] rispettivament; billi m'huwiex meħtieġ li dawn jiġu nklużi f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-perjodu mill-1 Lulju 1994 sat-30 Ġunju 1995;

Billi bil-għan li tissaħħaħ l-għodda disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi assigurat it-tħaddim tajjeb ta' l-arranġamenti ta' provvista, kwantita massima għal kull ċertifikat li jiġi mitlub għandha tiġi stabbilita meta jkun meħtieġ sabiex jiġu evitati riskji serji ta' disturbi fis-suq tal-Gżejjer Kanari jew biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' l-azzjonijiet spekulattivi ta' preġudizzju għall-funzjonament mingħajr diffikultajiet ta' l-arranġamenti tal-provvista; billi huwa meħtieġ għalhekk li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2790/94;

[1] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.
[2] ĠU L 180, tat-23.7.1994, p. 26.
[3] ĠU L 296, tas-17.11.1994, p. 23.
[4] ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 1.
[5] ĠU L 238, tat-23.9.1993, p. 24.
[6] ĠU L 157, ta' l-24.6.1994, p. 4.
[7] ĠU L 182, tas-16.7.1994, p. 19.
[8] ĠU L 190, tas-26.7.1994, p. 3.

Billi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jidħlu fis-seħħ sa mill-pubblikazzjoni tagħhom, fl-istess jum li jidħol fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 2790/94;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitati ta' Ġestjoni kkonċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 2, 3, 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 il-kwantitajiet fil-bilanċ ta' provvista mbassar li għandhom igawdu, kif ikun xieraq, minn eżenzjoni minn ħlasijiet fuq l-importazzjoni fil-każ ta' prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi, jew mill-ħlas ta' l-għajnuna tal-Komunità fil-każ ta' prodotti li ġejjin mis-suq tal-Komunità, huma kif indikati fl-Annessi. Meta, fir-rigward ta' prodotti partikolari ammonti separati jiġu fissati fil-bilanċ ta' provvista mbassra għall-konsum dirett, u għall-ipproċessar u/jew ippakkjar rispettivament, aġġustament fl-analiżi bejn l-użu stipulat huwa permissibbli, sa limitu ta' 20 % tal-kwantità totali stabbilita għal dak il-prodott.

Artikolu 2

L-Artikolu 8(a) huwa miżjud fir-Regolament (KE) Nru 2790/94:

"L-Artikolu 8(a)

Sakemm ikun strettament meħtieġ li jiġu evitati disturbi fis-suq tal-Gżejjer Kanari, jew l-insegwiment ta' azzjonijiet spekulattivi ta' preġudizzju għall-funzjonament mingħajr diffikultajiet ta' l-arranġamenti tal-provvista, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffissaw il-kwantita massima għal kull ċertifikat li jintalab.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni bl-okkażjonijiet li fihom dan l-Artikolu jiġi applikat."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Novembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESSI

TBASIR TAL-BILANĊI TAL-FORNIMENTI

BILANĊI TAL-FORNIMENTI GĦALL-GŻEJJER KANARJ GĦALL-PERIJODU 1 ta' LULJU 1994 (*) SAT-30 TA' ĠUNJU 1995

L-ANNESS I

Annimali ħajjin tal-ispeċi tal-bovini u l-laħam taċ-ċanga

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Numru (*) jew kwantit (f'tunnellat)
0102 10 00	Annimali bovini tar-razza pura għat-tnissil (1)	4 300 (*)
ex 0102 90	Annimali bovini għas-simna	8 000 (*)
0201	Laħam ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ	11 000
0202	Laħam t' l-annimali bovini, iffriżat	29 000
1602 50	Laħam ieħor, ippreparat jew ippreservat, raċanċ tal-laħam jew demm ta' l-annimali bovini	2 500

(1) Id-dħul taħt din l-intestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Komunità.

L-ANNESS II

Annimali ħajjin tal-ispeċi tal-bovini u l-laħam taċ-ċanga

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Numru (*) jew kwantit (f'tunnellat)
0103 10 00	Majjali tar-razza pura (1) għat-tnissil	
	— annimali maskili	160 (*)
	—. annimali femminili	2 500 (*)
ex 0203	Laħam ta' majjali domestiċi, frisk jew imkessaħ	—
ex 0203	Laħam ta' majjali domestiċi, iffriżat	19 000 (2)
1601 00	Zalzett u prodotti simili tal-laħam, raċanċ tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet ibbażati fuq dawn il-prodotti	12 000
1602 20 90	Laħam ieħor ippreparat jew ippreservat mill-fwied ta' kwalunkwe animal apparti mill-fwied tal-wiżż jew tal-papra	600
	Laħam ieħor ippreparat jew ippreservat jew raċanċ tal-laħam jew demm ta' majjali domestiċI	
1602 41 10	Prieżet u qagħtat tagħhom	4 000
1602 42 10	Spallel u qagħtat tagħhom	3 000
1602 49	Oħrajn, inklużi taħlitiet	4 000

(1) Id-dħul taħt din l-intestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Komunità.
(2) Li minnhom 5 000 tunnellata huma għas-settur tal-ipproċessar u/jew tal-ippakkjar.

(*) Mill-1 ta' Novembru 1994 fil-każ ta' prodotti li jidħlu taħt l-intestatura 1509.

L-ANNESS III

Tiġieġ, bajd, fniek u laħam tat-tjur

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Numru (*) jew kwantit (f'tunnellat)
0105 11 00	Tiġieġ għat-tnissil (1)	525 000 (*)
0407 00 19	Bajd għat-tfaqis (1)	500 000 (*)
ex 0106 00 10	Fniek għat-tnissil (1)	
	— ta' razza pura u nanniet tan-nisel	600 (*)
	— ġenituri tan-nisel	1 000 (*)
ex 0207	Laħam u raċanċ tajjeb għall-ikel, iffriżat, tat-tjur tat-tariffa intestatura 01.05, esklużi prodotti li jidħlu taħt il-kodiċi NM 0207 23	37 000
ex 0408	Bajd ta' l-għasafar mhux fil-qoxra, isfra tal-bajd imqadded, seww jekk u anki jekk le, li jkun fih zokkor mizjud jew materja oħra tal-ħlewwa, tajjeb għal konsum uman	400
1602 31	Laħam jew raċanċ ieħor, ippreparat jew ippreservat, tad-dundjani	—

(1) Dhul taħt din l-intestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Komunità.

(*) Mill-1 ta' Novembru 1994 fil-każ ta' prodotti li jidħlu taħt l-intestatura 1509

L-ANNESS IV

Prodotti tal-ħalib

(f'tunnellat)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
0401	Ħalib u krema mhux ikkonċentrali u l-anqas ma fihom zokkor miżjud jew xi materja oħra tal-ħlewwa	90 000 (1)
0402	Ħalib u krema mhux ikkonċentrali u li fihom zokkor miżjud jew xi materja oħra tal-ħlewwa	25 000 (2)
0405 00	Butir u xaħmijiet u żjut oħrajn derivati mil-ħalib	3 500
0406	Ġobnijiet	11 500
0406 30		
0406 90 23		
0406 90 25		
0406 90 27		
0406 90 76		
0406 90 78		
0406 90 79		
0406 90 81		
0406 90 86		2 000
0406 90 87		
0406 90 88		
1901 90 90	Preparazzjonijiet ibbażati fuq il-ħalib, mingħajr xaħmijiet	7 000 (3)
2106 90 91	żpreparazzjonijiet ibażati fuq il-ħalib, għat-tfal, li ma jkunx fihom xaħmijiet tal-ħalib	200

(1) Li minnhom 2 000 tunnellati huma għas-suttur ta' l-ipproċessar u/jew l-ippakkjar.
(2) Li minnhom 17 500 tunnellati huma għas-suttur ta' l-ipproċessar u/jew l-ippakkjar.
(3) L-ammont kollu (700 tunnelata) huma għas-suttur ta' l-ipproċessar u/jew l-ippakkjar.

L-ANNESS V

Patata

(f'tunnellati)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
1701 10 00	Patat taż-żriegħ	12 000

L-ANNESS VI

Ċereali

(f'tunnellati)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
1001 (**)	Qamħ artab	155 000
1001 10	Qamħ durum	—
1003 (**)	Xgħir	20 000
1004 (**)	Ħafur	1 200
1005 (**)	Qamħ-ir-rum	180 000
1103 11 50	Qamħ durum — dħin oħxon u smida	4 300
1103 13	Tqiq tal-qamħ-ir-rum — dħin oħxon u smida	5 000
1103 19	Oħrajn — dħin oħxon u smida	—
1103 21 sa 1103 29	Pritkuni	—
1107	Maltu (xgħir)	16 500

(**) Fil-każ ta' prodotti mndividwali marketd bi still doppja għall-kwantitajiet stabili jistgħu jkunu esklużi, sa massimu ta' 20 %, basta li għall-kwanita miġbura flimkien għal-prodotti kkonċernati din ma tkunx misbuqa.

L-ANNESS VII

Ross

(f'tunnellati)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
1006 30	Ross miħun	12 000
1006 40	Ross imfarrak	2 000

L-ANNESS VIII

Żjut veġetali (apparti milli ż-żejt taż-żebbuġa)

(f'tunnellati)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
35 sa 1516 (esklużi 1509 sa 1510)	Żjut veġetali (apparti milli ż-żejt taż-żebbuġa)	35 000 (1)

(1) Li minnhom 24 500 tunnellata huma għas-settur tal-ipproċessar u/jew l-ippakkjar.

L-ANNESS IX

Żjut veġetali (żejt taż-żebbuġa)

(f'tunnellati)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
Ex 0103 10 00 (**)	Żejt verġni taż-żebbuġa f'ippakkjar intermedju b'kontenut nett ta' 5 litri jew anqas	400
	Żejt verġni taż-żebbuġa f'ippakkjar intermedju b'kontenut nett ta' aktar minn 5 litri	400
	Żejt taż-żebbuġa (Riviera) f'ippakkjar intermedju b'kontenut nett ta' 5 litri jew anqas	7 467
	Żejt taż-żebbuġa (Riviera) f'ippakkjar intermedju b'kontenut nett ta' aktar minn5 litri	1 000
	Żejt tal-pomaċi f'ippakkjar intermedju b'kontenut nett ta' 5 litri jew anqas	233
	Żejt tal-pomaċi f'ippakkjar intermedju b'kontenut nett ta' aktar minn 5 litri	100

(**) Fil-każ ta' prodotti ndividwali immarkat bi stilla doppja il-kwantitajiet stabbiliti jistgħu jkunu misbuqa, sa massimmu ta' 20 %. Basta li il-kwantita miġbura flimkien għall-prodotti kkonċernati m'għandhiex tkun misbuqa.

L-ANNESS X

Glukosju

(f'tunnellati)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
Ex 1700 apparti milli prodotti li jidħlu taħt il-kodiċi 1702 30 10, 1 1702 40 10 1702 60 10 u 1702 90 30	Glukosju	1 800

L-ANNESS XI

Frott u ħxejjex ipproċessati

(f'tunnellati)

Kodiċi NM	Desinjazzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità
Ex 0103 10 00	Preparazzjonijiet apparti milli preparazzjonijiet omoġenizzati u li jinkludu frott apparti milli frott taċ-ċitru	3 000 (1)
	Frott, ġews u partijiet oħrjan tal-pjanti tajbin għall-ikel, b'mod ieħor ippreparati u ppreservati, seww jekk, u anki jel le, ikun fihom zokkor miżjud jew xi materja oħra tal-ħlewwa jew spirtu, li ma humiex x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi	
	— Ananas	2 400
	— Frott taċ-ċitru	500
	— Langas	1 600
	— Berquq	220
	— Ħawħ	7 600
	— Frawli	120
	— Oħrajn, inklużi taħlitiet bl-eċċezzjoni ta' dawk fin-numru 2008 19	
	— Taħlitiet	1 650
	— Oħrajn, apparti mill-qlub tal-palmi u taħlitiet	650

(*) Fil-każ ta' prodotti ndividwali immarkati bi stilla doppja (1) il-kwantitajiet stabbiliti jistgħu jeċċedu, sa massimu ta' 20 %, basta li l-kwanità kollha miġbura flimkien tal-prodotti kkonċernati ma tkunx misbuqa.

(1) Li minnhom 833 tunnellati għas-settur tal-ipproċessar u/jew tal-ippakkjar.